MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Numru. 912/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**CALCEDONIO FORMOSA ta' 51 sena, iben il-mejtin Gaetano u Marianna nee' Cachia, imwieled is-Siggiewi nhar id-19 ta' Mejju, 1961, residenti fil-fond numru 178, Dar il-Hena, Vjal it-Torri, il-Gudja, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 353361M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Calcedonio Formosa** li gie akkuzat talli:

a. Fil-waqt illi kien fi Triq Ghajn Dwieli, Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, nhar l-1 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-2.15

ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Josef Grech minn Rahal Gdid f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, permezz ta' Katina, kif iccertifikat minn Dr Alessandra Portelli MD (Warrant Mediku Nru 2180) tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita ggiblu mankament jew sfregju fil-wicc bi ksur tal-Artikoli 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli nhar l-1 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-2.15 ta' wara nofsinhar, fil-waqt illi kien fi Triq Ghajn Dwieli, Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, volontarjament ghamel hsara fil-proprjeta' (mobile phone) ta' l-ghamla NEC numru tas-serje u mudell mhux maghruf, ghad-dannu ta' Josef Grech, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50.00) imam tiskorri l-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, u lok hebb kontra l-persuna ta' Josef Grech, sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ingurja u hedded lil Josef Grech u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. U aktar talli fl-istess data, hin u lok qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-istess (folio 13).

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

a. Fl-Artikoli 214, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Jesmond Borg ezebixxa minn naha tieghu certifikat mediku mahrug fuq Josef Grech li juri li l-istess kien sofra griehi ta’ natura gravi (Dok JB folio 19), kif ukoll stima provduta lilu mill-istess Josef Grech tad-danni minnu sofferti, mahruga minn Dual Zone ta’ hsarat sofferti fil-mobile tieghu, allegatament it-tnejn rizultat tal-litigju li kellu ma’ l-imputat, din tal-valur ta’ Lm20.00, Dok JB1 folio 20. Ezebixxa wkoll stqarrija rilaxxata mill-imputat, Dok JB2, li ser tittiehed in konsiderazzjoni in vista’ tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Stevens vs Avukat Generali 08.10.2012.

Minn naha tieghu Josef Grech xehed illi dahlilhom l-ilma ghax ghamlet ix-xita, minhabba xogholijiet li kienu qeghdin isiru mill-imputat f’sit sovrapost ghar-residenza tieghu. Xehed illi dawn ix-xogholijiet kienu twaqqih ta’ saqaf. Rah (ma’ haddiehor) iwaqqa’ s-saqaf. Allega wkoll illi dan kien qieghed isir minghajr permess tal-MEPA. Fuq hekk mar ikellem lill-imputat li kien ma’ iehor, illum mejjet, u xehed

illi l-imputat beda jxejjer katina lejh u b'hekk laqtu f'rasu. Qal illi hu ra d-demm. Ghalhekk mar l-ghassa u l-policlinic. Qal illi bejnu u bejn Formosa qatt ma sar glied, pero sar hafna diskors miz-zewg nahat. Qal illi bdew jilletikaw bl-ilsien u meta rah (l-imputat) sejjer lejn il-karozza, qal ix-xhud mar biex jitfiha, dan mar bil-katina ghalih.

Rodianne Grech dak iz-zmien siehba ta' Josef Grech, ukoll xehdet illi dahlilha hafna ilma, dan meta beda jitwaqqa' l-bini. Ghalhekk Josef, meta ra lil Calcedonio, nizel ikellmu biex inehhilu t-truck. Qalet li Josef rega' mar lura biex jghinha tnizzel it-tfal mill-karozza (dak iz-zmien trabi), u kien hawn li Calcedonio mar ghalih bil-katina. Rat lill-imputat ixejjer bil-katina lejn Josef u hadu wara fuq rasu. Ratlu d-demm go rasu. Xehdet illi lil Josef b'dan il-litigju nkisirlu anke l-mobile.

Dr Alexandra Baldacchino minn naha taghha xehdet dwar ic-certifikat rilaxxat illi d-daqqa sofferta minn Grech kienet wahda kompatibbli ma' blunt injury u kkonstatat illi kienet 'grievous' minhabba li kienet fil-wicc u tibqa' marka (folio 52).

Fil-konfront tal-hsarat sofferti fil-mobile xehed Manuel Bartolo li kkonferma l-ircevuta mahruga minn Dual Zone.

Josef Grech rega' ngab jixhed darbtejn ohra in kontro ezami. Rega' qal illi l-imputat mar ghalih b'katina, dan x'hin beda jghidlu biex jieqaf minn dak li kien qieghed jaghmel, cioe' jwaqqa' s-saqaf, hawn beda jxejjer bil-katina, dan wara li hu rega' dahal fil-karozza tieghu biex jigbed il-hand break. Iddeskriva l-hadida bhala wahda kbira ma' idu u bit-tarf it-twil beda jxejjer, ikkalkula li t-tul kien ta' zewg piedi u nofs.
Qal ukoll illi hass id-daqqa go rasu. Innega li hu waqa' meta l-imputat, biex jiddefendi ruhu mbuttah u habat rasu ma' bieb. Innega wkoll illi hu saq go fih, pero ammetta li beda jghajjat. Qal illi dan kien werwirlu t-tfal. Qal illi kien il-mejjet li lilu pprova jzommu, waqt illi l-imputat xejjer bil-katina. Ghalkemm sarulu hafna suggerimenti mid-Difiza, illi fil-fatt huwa wegga' meta habat mal-koxxa tal-bieb, baqa' nsistenti li fil-fatt hu wegga' meta l-imputat tah

daqqa bil-katina. Kien cert illi x'hin xejjer hu hass id-daqqa (folio 77). Meta rega' ha l-pedana, xehed illi hu kien lest li jahfer lill-imputat. Qabel ukoll illi kemm hu kif ukoll l-imputat ma bdewx jitkellmu bil-kalma. Baqa' jinsisti li ma kienx jidhirlu li gie mbuttat, anzi nsista li hass daqqa ta' katina.

Anke Rodienne Grech regghet xehdet in kontro ezami. Irriteniet illi kienet ma' zewgha (illum) u wliedha. Xehdet illi ratu jxejjer il-katina u jitfa' lil Josef mal-bieb, biex izommuh. Spjegat illi dan ghamluh dik il-persuna li giet nieqsa u Calcedonio. Insistiet illi qasam rasu (zewgha) bil-katina u nnegat li meta habbtuh mal-bieb habat rasu. Iddeskriviet kif beda jdawwar il-katina u baqghet insistenti li ratu jaghtih bil-katina (folio 82). Spjegat illi beda jdawwar il-katina bhal tal-karate (ibid).

Rat anke l-istqarrija ta' l-imputat u dan fid-dawl tas-sentenza Kostituzzjonali hawn fuq imsemmija. Ikkonferma l-imputat li kien qieghed jaghmel xoghol fuq il-post ta' bintu, ikissru s-saqaf. Spjega li gie ragel li saq bis-sahha u waqaf ezatt hdejn it-truck tieghu. Ikkonferma li f'din il-karozza kien hemm ukoll mara u tfal. Qal illi dan beda jghajjat u jiggieled, baqa' jinsisti mieghu li jnehhi t-truck minn quddiem il-bieb tieghu. Qal illi anke stiednu ghall-glied u anke li mar ifittex fid-dash board tal-karozza tieghu. Ghall-imputat dan kien ifisser li kien qed ifittex xi haga biex imur ghalih, ghalhekk jghid illi hu qabad katina. Jghid illi dan ir-ragel beda jxejjer b'idejh u jaghti bis-sieq fil-vojt. Qal illi dan ghax kien qisu fferocjat ta daqqa bir-ras u laqat il-faxxa tal-gebel tal-burdura tal-bieb ta' barra, u qasam rasu. Innega li hu kien tah daqqa ta' katina.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi kollha prodotti, din il-Qorti m'ghandha ebda dubju minn dak li gara, fil-fatt tinsab konvinta li l-griehi sofferti minn Josef Grech kienu kagun ta' daqqa ta' katina u mhux kif dejjem gie suggerit mid-Difiza unegat kategorikament mill-parte leza u martu, ghax habat rasu mal-bieb.

Qieset ukoll illi kagun tad-daqqa Grech kellu jigi suturat f'rasu. Pero ma ngabet ebda prova li din il-gerha hija wahda li taqa' bl-ambitu ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fatt dan ma giex addebitat.

Issib ghalhekk htija ai termini tal-Artikoli 214, 216(1)(b), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; hati wkoll tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (in kwantu ghal-hsara kagunata minnu fil-mobile meta attakka lil Grech); hati wkoll taht l-Artikoli 338 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.
Rat ukoll l-Artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena, qieset illi Grech hafer lill-imputat, mahfra li ghandha sservi ta' attenwant, qieset il-gravita' ta' l-attakk, u apparti ghad-divjet eminenti mill-Artikolu 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi l-imputat ghandu jbaghti piena karcerarja ta' sena u nofs sospiza ghal tlitt snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tordna wkoll lill-imputat li ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas fi zmien xahar lil Josef Grech, is-somma ta' €46.60, din bhala ordni ta' kumpens.

Rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, u tobbliga lil Calcedonio Formosa ghal sena mill-lum, illi bl-ebda mod ma jdejjaq jew jivvessa lil Josef Grech taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ta' €1,000.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------